# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 14 ta' Marzu, 2024.**

**Numru 6**

**Rikors numru 41/2017/1LM**

**L-Avukat Dottor Johnaton Abela bħala mandatarju speċjali tal-assenti José Alberto Dura Sapina**

**v.**

**Maria Spiteri u b'digriet tas-27 ta' Frar, 2017, is-soċjetà GasanMamo Insurance Limited ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis***

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell ewlieni mressaq mill-konvenuta Maria Spiteri u dwar appell inċidentali mressaq mill-attur José Alberto Dura Sapina minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-23 ta' Settembru, 2020, li permezz tagħha sabet lill-konvenuta

responsabbli għall-inċident tat-traffiku li seħħ fit-22 ta' Awwissu, 2015 u kkundannatha tħallas lill-attur is-somma ta' €260,825.95 bħala danni, bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-13 ta' Jannar, 2017, l-attur *nomine* fisser li nhar it-22 ta' Awwissu, 2015, José Alberto Dura Sapina kien riekeb bħala passiġġier fil-vettura b'numru ta' reġistrazzjoni EBT531 misjuqa mill-konvenuta Maria Spiteri. Jallega li l-konvenuta ħabtet ma' xarabank b'negliġenza, traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, u bħala riżultat ta' dan José Alberto Dura Sapina spiċċa biex ġarrab danni serji fuq il-persuna tiegħu.

3. L-attur *nomine* jgħid li José Alberto Dura Sapina għadu jattendi sal-lum, għand diversi mediċi u professjonisti b'konsegwenza diretta tal-inċident u barra minn hekk, qiegħed isofri minn diżabiltà permanenti. Minħabba f'hekk, l-attur *nomine* ressaq din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenuta hija unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Awwissu 2015 ġewwa s-Swieqi u li għalhekk l-istess konvenuta hija unikament responsabbli għad-danni kollha minnha kaġunati anke fuq il-persuna tal-mandatarju tal-attur nomine fl-imsemmi inċident;*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mill-mandatarju tal-attur nomine, inkluż dawk ta' diżabiltà ta' natura permanenti li huwa sofra bħala riżultat tal-inċident de quo occorrendo anke bl-opera ta' periti nominandi;*

*3. Tillikwida d-danni sofferti mill-mandatarju tal-attur nomine fir-rigward ta' spejjeż ta' tobba, professjonisti, mediċini, safar, u servizzi oħra li huwa kellu jinkorri konsegwenza diretta tal-inċident tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Awwissu 2015;*

*4. Tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur nomine d-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż kollha inkluż dawk tal-ittra uffiċjali li qiegħda tiġi preżentata kontestwalment kontra l-konvenuta li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni.»*

4. Il-konvenuta Maria Spiteri ressqet risposta maħlufa fit-2 ta' Frar, 2017, li permezz tagħha eċċepiet:

*«1. Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda kontra r-rikorrent stante li l-inċident de quo ma seħħx tort tal-esponenti.*

*2. Illi mingħajr preġudizzju r-rikorrent irid iġib il-prova konkreta tal-allegata diżabiltà li temerġi direttament minn dan l-akkadut.*

*3. Illi l-esponenti m'għandha tiġi kkundannata tħallas l-ebda danni jew spejjeż.*

*4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

5. Wara li l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-kumpanija GasanMamo Insurance Limited sabiex tintervjeni *in statu et terminis,* il-kumpanija ressqet risposta maħlufa fil-15 ta' Marzu, 2017, fejn eċċepiet hekk:

*«1. Illi permezz tad-Digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar is-27 ta' Frar 2017, is-soċjetà esponenti ġiet awtorizzata sabiex tintervjeni in statu et terminis fl-atti tal-proċeduri fl-ismijiet fuq premessi, bil-fakultà illi tippreżenta r-Risposta Ġuramentata tagħha;*

*2. Illi s-soċjetà esponenti kienet ħarġet polza ta' assikurazzjoni tat-tip Comprehensive sabiex tkopri l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBT 531, di proprjetà tal-assigurata Grace Spiteri, liema polza kienet tkopri lill-istess Grace Spiteri kif ukoll lill-konvenuta Maria Spiteri u dana skont ma jirriżulta miċ-Ċertifikat ta' Assigurazzjoni relattiv, illi kopja tiegħu*

*qiegħda tiġi hawn annessa, esibita u mmarkata bħala Dok. GMI1 sa Dok. GMI3;*

*3. Illi nhar it-22 ta' Awwissu 2015, l-imsemmija vettura misjuqa mill-konvenuta Maria Spiteri kienet involuta f'inċident awtomobilistiku fi Triq Sant'Andrija, Swieqi;*

*4. Illi fil-ħin tal-inċident de quo l-konvenuta kienet taħt l-effett tal-alkoħol, u kwindi ma kinitx koperta mill-polza ta' assigurazzjoni relattiva u dan kif ser jirriżulta tul it-trattazzjoni ta' din il-kawża. Dana qiegħed jiġi sottomess mingħajr preġudizzju għal kull ksur ulterjuri tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni maħruġa mis-soċjetà esponenti, skont ma jista' jirriżulta tul it-trattazzjoni ta' dina l-kawża;*

*5. Illi għal kull buon fini, is-soċjetà esponenti tirrileva illi l-assigurata Grace Spiteri istitwit proċeduri fil-konfront tal-istess soċjetà esponenti quddiem iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ, liema proċeduri jirrigwardjaw il-kopertura o meno tal-konvenuta Maria Spiteri taħt il-polza tal-assigurazzjoni in vigore fil-jum tal-inċident mertu tal-kawża odjerna fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EBT 531, liema proċeduri għadhom pendenti sal-ġurnata tal-lum;*

*6. Illi s-soċjetà esponenti m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti fir-rigward ir-responsabiltà tal-inċident de quo, b'dana però illi l-attur noe għandu jressaq kull prova valida u neċessarja skont il-Liġi sabiex jipprova dak minnu allegat;*

*7. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, jiġi rilevat illi fil-ħin tal-inċident de quo l-mandanti tal-attur noe kien riekeb bħala passiġġier mal-konvenuta fuq wara tal-vettura u dan mingħajr ma kien liebes ċ-ċintorin tas-sigurtà skont ma kellu l-obbligu illi jagħmel. Inoltre, kien l-istess mandanti tal-attur noe li għażel volontarjament illi jirkeb bħala passiġġier mal-konvenuta Maria Spiteri. Dan allura huwa każ fejn il-mandanti tal-attur noe u ċjoè José Alberto Dura Sapina stess kien negliġenti bħala passiġġier, kif ukoll bħala persuna illi qiegħed ħajtu f'periklu evidenti u prevedibbli. A bażi tal-prinċipju volenti non fit iniuria, l-mandanti tal-attur noe għandu jwieġeb hu stess għad-danni allegatament sofferti in segwitu għall-inċident de quo;*

*8. Illi fiċ-ċirkostanzi għalhekk is-soċjetà esponenti tista' tiġi kkundannata biss illi tħallas id-danni pretiżi mill-attur noe ai termini tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, bid-dritt ta' rivalsa kontra l-assigurata tagħha u x-xufiera effettiv;*

*9. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-attur noe għandu jġib l-aħjar prova tal-ħtija tal-konvenuta Maria Spiteri għall-inċident de quo u tal-ammont ta' danni minnu reklamati.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

6. Permezz ta' sentenza tat-23 ta' Settembru, 2020, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attriċi u ordnat lill-konvenuta sabiex tħallas lill-attur is-somma ta' €260,825.95, bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sakemm isir il-ħlas kollu.

7. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti tiddeċiedi hekk kienu dawn:

*«Din il-Qorti mill-ewwel tgħid li ma hemm l-ebda dubju li hija proprju l-konvenuta li hija responsabbli għall-inċident inkwistjoni. Kienet hi li għażlet minn jeddha, b'periklu kbir għaliha u għal ħaddiehor, kemm jekk riekeb magħha u anki bħala utent tat-triq, li ssuq fil-karreġġata intiża għat-traffiku sejjer fid-direzzjoni opposta, bi ksur lampanti tar-regolamenti tat-traffiku. Dan il-fattur waħdu jagħmilha unikament responsabbli għall-inċident. Il-Qorti tosserva li għalkemm teċċepixxi li hija ma kinitx responsabbli għall-akkadut u għad-danni konsegwenzjali, il-konvenuta min-naħa tagħha llum jidher li għarfet sew il-ħtija tagħha għaliex ma għamlet l-ebda tentattiv sabiex taħrab mir-responsabbiltà. Minkejja dan hija xorta waħda fl-affidavit tagħha[1] toffri żewġ raġunijiet għal għemilha. Tgħid li ftit xhur qabel l-inċident f'Marzu 2015, hija kienet sofriet minn blackout waqt li kienet qiegħda ssuq u waqfet fil-ġenb tat-triq fejn ċemplet lil ommha. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-konvenuta tagħmel riferiment għal Dok. CS[2] ippreżentat flimkien mal-affidavit tagħha bħala evidenza, filwaqt li tgħid ukoll li kienet għamlet xahar ma ssuqx u sar eżami ieħor wara xahar minn meta seħħ l-ewwel blackout, u ġie kkonfermat li ma kellha xejn. Il-Qorti tosserva li dan kollu ddikjaratu l-konvenuta fl-affidavit tagħha. Tosserva wkoll li fil-Case Summary tal-file mediku tagħha, jirriżulta li l-konvenuta kienet ingħatat struzzjonijiet fid-data tad-discharge date tagħha sabiex ma ssuqx qabel ma jkun hemm appuntament ieħor mat-Tabib Newrologu Malcolm Vella, iżda ma jirriżultax jekk il-konvenuta kienet attendiet għal eżami ulterjuri, u fl-affermattiv jekk ir-riżultat kien tali li hija ma kinitx aktar inibita milli ssuq. Din il-prova kienet tispetta lill-konvenuta proprju wkoll għaliex hija stess qegħda tressaq bħala skużanti l-probabbiltà li qabel l-inċident kien taha blackout ieħor, u fin-nuqqas ta' tali prova l-Qorti ma tistax ma tqisx li l-konvenuta weriet nuqqas ta' responsabbiltà u negliġenza meta saħansitra aċċettat li twassal lill-attur u lit-tliet kollegi tiegħu tax-xogħol għal fejn riedu jmorru.*

*Iżda ma jirriżultax li fil-każ odjern kien ġara l-istess għaliex il-konvenuta kienet qabdet il-karreġġata l-ħażina u baqgħet tiela' minnha bla waqfien*

[1] *Supra.*
[2] *A fol. 261.*

*sakemm ħabtet max-xarabank li kienet nieżla[3]. Tgħid ukoll li raġuni oħra għal mod kif saqet dakinhar setgħet tkun li hija kienet għajjiena żżejjed. Il-Qorti ma tistax tiskarta din il-possibiltà peress li l-konvenuta skont dak li tgħid fl-affidavit tagħha[4] kienet ilha barra mid-9.00 ta' filgħaxija tal-ġurnata ta' qabel u l-inċident skont il-Full Road Traffic Accident Report[5] esibit mill-Ispettur Trevor Micallef seħħ għall-ħabta tal-5.20 ta' filgħodu tat-22 ta' Awwissu, 2015.*

*Is-soċjetà intervenuta fil-kawża tagħti hi r-raġuni għall-akkadut meta ssostni fir-risposta maħlufa tagħha li fil-ħin tal-inċident il-konvenuta kienet taħt l-effett tal-alkoħol. Iżda dan tagħmlu biss għall-fini tar-responsabbiltà tagħha għall-ħlas ta' danni skont il-polza ta' assigurazzjoni. Filwaqt li l-Qorti tirrileva li s-soċjetà intervenuta fil-kawża għamlet ħilitha sabiex turi permezz tal-provi kif waslet għal din il-konklużjoni billi wkoll straħet fuq dokument fil-file mediku tal-konvenuta[6], tqis li l-kwistjoni hija irrilevanti f'dawn il-proċeduri fejn ir-responsabbiltà toħroġ waħedha mill-mod kif saqet il-konvenuta.*

*Is-soċjetà intervenuta fil-kawża ssostni wkoll li fil-ħin tal-inċident inkwistjoni l-attur: (i) ma kienx liebes iċ-ċinturin tas-sigurtà, u (ii) li huwa rikeb minn jeddu mal-konvenuta. B'hekk huwa kien negliġenti bħala passiġġier u kien huwa stess li qiegħed ħajtu fil-periklu.*

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, is-soċjetà intervenuta fil-kawża tressaq is-segwenti bħala prova tal-fatt allegat minnha li l-attur ma kienx liebes ċinturin tas-sigurtà: (a) ir-rapport tal-esperti mediċi a fol. 531 et seq. fejn dawn iddikjaraw li "Mr Dura told us on oath that on 22nd August 2015 he was involved in a road traffic accident ... He was not wearing a seat belt", fatt li qatt ma ġie kkontestat mill-attur; u wkoll (b) in-notament fil-file mediku tal-attur ippreżentat bħala Dok. DVC1, fejn jingħad "found folded in two behind drivers seat"[7].*

*Iżda kwantu għal dak li ngħad li l-attur ma kkontestax dak li ntqal mill-esperti mediċi fir-rapport tagħhom, is-soċjetà intervenuta fil-kawża wkoll ma kkontestatx, kif ser jiġi spjegat, dak li jgħid l-attur fl-affidavit tiegħu a fol. 441 tergo tal-atti, li huwa proprju l-kuntrarju:*

> *"In the crash I just flew right out the car ending up under the bus and therefore all my nerves from my braquial plexus of my right arm got ripped off, since my right arm got stacked with the seat belt in the moment I flew extremely fast out of the car as a result of the collision and after that moment I don't remember anything until I woke up in the hospital and I saw my family, girlfriend and friends after 15-20 days from the crash."*

---

[3] *Ara x-xhieda ta' Carmel Mallia, xufier tax-xarabank, seduta 28.06.17 a fol. 431, l-affidavit tal-attur a fol. 441, xhieda tal-passiġġiera Martha Agnieszka Rucisnka seduta 20.11.17 a fol. 479B, xhieda tas-sewwieq tal-vettura ta' warajha Ian Vella seduta 24.04.18 a fol. 497 et seq.*

[4] *Supra.*

[5] *A fol. 126.*

[6] *A fol. 654, liema dokument jagħmilha ċara li "these results are therefore not valid for medico-legal use."*

[7] *A fol. 143.*

*Fil-kontroeżami li s-soċjetà intervenuta fil-kawża għamlet lill-attur, huwa ġie mistoqsi jekk kienx liebes seatbelt dakinhar tal-inċident, iżda din id-darba ddikjara "No I don't remember. Nothing about the car." Il-kontroeżami jieqaf hemm fir-rigward ta' dak li ġara dakinhar u s-soċjetà intervenuta fil-kawża għal xi raġuni ma fittxitx li tiċċara kif l-attur minkejja d-dikjarazzjoni tiegħu waqt il-kontroeżami li huwa ma seta' jiftakar xejn, fl-affidavit tiegħu mhux biss sostna li kien liebes seatbelt, iżda wkoll li l-ġrieħi fi driegħu tal-lemin ġew ikkawzati proprju għaliex din inqabdet mas-seatbelt hekk u jtir 'il barra mill-vettura. Il-Qorti tqis li s-soċjetà intervenuta fil-kawża kellu wkoll l-għażla li tipproduċi xi paramediku jew lit-Tabib Jonathan Joslin[8], li assistew u li taw l-ewwel għajjut lill-attur, jew saħansitra l-atti tal-Inkjesta Maġisterjali li setgħet titfa' dawl fuq kif instab l-attur sussegwenti għall-inċident, għaliex ukoll fil-Pre-op/Admission Sheet[9] hemm indikat "He was thrown out of the passenger window on impact and he does not remember anything after that", u jekk verament is-seatbelt kienx f'postu jew le. Il-Qorti tosserva li fl-Inkjesta Maġisterjali ġew maħtura diversi esperti, li wkoll is-soċjetà intervenuta fil-kawża naqset milli tipproduċi. Is-soċjetà intervenuta għażlet ukoll li ma teskutix l-esperti mediċi ġudizzjarji, kemm fuq id-dikjarazzjoni li l-attur ma kienx liebes seatbelt fil-ħin tal-inċident, filwaqt li fl-istess ħin hu qal li ma seta' jiftakar xejn, kif ukoll fuq il-mod li setgħu ġew ikkawżati l-ġrieħi. Barra minn hekk, mhux ċar jekk il-kliem "he was not wearing a seat belt" jirriflettux dak li qal l-attur jew humiex konstatazzjoni magħmula mill-esperti mediċi ġudizzjarji.*

*B'hekk illum il-Qorti għandha quddiem allegazzjoni ta' fatt, mhux konvinċentement ippruvat u li huwa daqstant importanti fir-rigward tal-allegata kontributorjetà tar-responsabbiltà. Il-Qorti għandha r-riżervi tagħha dwar dak li jgħid l-attur fix-xhieda tiegħu, iżda ma tistax tiskarta dak li jirrikjedi l-artikolu 562 tal-Kap. 12 mingħand is-soċjetà intervenuta fil-kawża.*

*Għal dak li mbagħad jirrigwarda l-allegat kontributorjetà tal-attur għall-konsegwenzi tal-akkadut, il-Qorti filwaqt li tieħu inkonsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 6(2) tal-Kap. 104, tirrileva li fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet l-attur ma jistax jitgħabba b'responsabbiltà kontributorja għal dak li seħħ lilu jekk jirriżulta li l-konvenuta kienet qiegħda ssuq taħt l-effett tal-alkoħol.*

***Danni***

*Jifdal għalhekk li l-Qorti tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur, li jinkludu danni materjali kif ukoll telf ta' qligħ li huwa seta' u jista' jkollu minħabba fid-debilità permanenti sofferta minnu b'konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.*

[8] *Ara Full Road Traffic Accident Report a fol. 135.*
[9] *A fol. 413.*

*L-esperti mediċi ġudizzjarji **Dr Anthony Galea Debono**, espert fin-newroloġija, u **Mr Frederick Zammit Maempel**, espert fl-ortopedija, ħejjew rapport*[10] *dettaljat wara eżami mediku tal-attur li sar fil-21 ta' Mejju, 2018, jiġifieri kważi tliet snin wara li seħħ l-inċident, fejn spjegaw dak kollu li huma kkonstataw hekk kif eżaminaw lill-attur u waslu għall-konklużjoni li l-perċentwali ta' diżabiltà permanenti huwa ta' 65%.*

*L-espert mediku ġudizzjarju **Dr David Cassar**, konsulent psikjatriku, eżamina lill-attur fl-istess data, u fir-rapport tiegħu*[11]*, filwaqt li spjega dak kollu li huwa osserva, iddikjara li l-livell ta' diżabiltà mill-aspett psikjatriku kien fil-perċentwali ta' 25%.*

*Damnum Emergens:*

*Flimkien mal-affidavit tiegħu l-attur ippreżenta diversi rċevuti*[12] *tal-ispejjeż mediċinali u tal-kura li huwa jgħid "… that I had and continue having to take …". Mar-rikors maħluf tiegħu, l-attur kien diġà ppreżenta diversi fatturi oħra. Bosta minn dawn id-dokumenti huma miktubin bl-ilsien Spanjol u l-attur ftit li xejn ta spjegazzjoni dwar dawn id-dokumenti lill-Qorti. Dan filwaqt li l-Qorti tinnota li għajr għall-irċevuti a fol 589, 591, 593, 595, 596, 597, 598, 599, 600, 602, 604, 605, 606, annessi mar-rikors maħluf, l-ebda dokument ieħor m'għandu firma fuqu mill-persuna li ħarġitu, u stante li skont l-artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti għandha titlob għall-aħjar prova li l-parti tista' tressaq, hija tista' taċċetta biss dawn l-irċevuti suriferiti bħala prova tad-damnum emergens li bata l-attur. Għandu jingħad ukoll li f'dawn l-irċevuti hemm indikazzjoni bl-ilsien Ingliż tas-servizz li ngħata lill-attur, u ġaladarba tirriżulta r-raġuni tal-ispiża li nkorra l-attur u l-konvenuta u anki s-soċjetà intervenuta fil-kawża ma kkontestawx l-ispejjeż rispettivi inkorsi skont dawn l-irċevuti, il-Qorti ma ssibx raġuni għaliex m'għandhiex taċċettahom. B'hekk bħala danni materjali li sofra l-attur kawża tal-inċident inkwistjoni, ser tiġi aċċettata s-somma komplessiva ta' €5,691.85 (ħamest elef sitt mija wieħed u disgħin ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu).*

*Spejjeż futuri u joie de vivre:*

*Għal dak li jirrigwarda l-pretensjoni tal-attur mressqa fin-nota ta' sottomissjonijiet għall-ħlas ta' dawk l-ispejjeż li huwa ser jinkorri fil-futur u anki għall-ħlas ta' kumpens stante l-bidliet sinifikanti li l-inċident ġab fuq ħajtu, din il-Qorti tagħraf li d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 1045(1) tal-Kap. 16 jagħmlu responsabbli l-persuna li tkun kkawżat il-ħsara għall-ħlas ta' dawk id-danni li tkun attwalment sofriet il-persuna danneġġjata, mingħajr dritt għal kumpens ta' spejjeż futuri jew għal danni morali. B'hekk il-liġi ma tagħti l-ebda dritt għal rimbors tal-ispejjeż futuri li tkun ser issofri bħala riżultat dirett tal-akkadut jew għal danni morali.*

[10] *A fol. 531.*
[11] *A fol. 559.*
[12] *A fol. 570 sa fol. 604.*

*Lucrum Cessans:*

*...*

*L-attur min-naħa tiegħu pproduċa kopji ta' dak li l-Qorti tifhem kienet il-payslip għal kull xahar fis-snin 2013[13] u 2014[14] u anki għall-ewwel tliet xhur tas-sena 2015.[15] Iżda l-attur jispjega wkoll li s-soċjetà li magħha kien ilu jaħdem mis-sena 2005 meta kien għad għandu sbatax-il sena, bdiet sejra lura maż-żmien minħabba l-kriżi finanzjarja dinjija, u għalhekk f'Marzu tas-sena 2015 huwa ma baqax jaħdem hemmhekk. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-attur jispjega li għalhekk id-dħul tiegħu kien naqas fis-sena 2014, u għall-fini ta' komputazzjoni tal-introjtu tiegħu, għandu jittieħed inkonsiderazzjoni l-qligħ tas-sena 2013, li huwa fis-somma ta' €14,030.57. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan, peress li kif tgħid is-soċjetà intervenuta fil-kawża, l-ebda prova ma ġab l-attur in sostenn tar-raġuni li huwa jagħti għat-tnaqqis fl-introjtu tiegħu fis-sena 2014, u għalhekk il-Qorti ser taħdem id-danni dovuta taħt dan il-kap abbażi tal-introjtu tiegħu fis-sena 2013 fis-somma ta' €11,707.57. Dan filwaqt li tgħid ukoll li ma taqbilx mat-talba tal-attur li hija għandha tieħu wkoll inkonsiderazzjoni s-somma mensili li ta' €400.00 rappreżentanti l-introjtu sħiħ, jiġifieri salarju u tips, mix-xogħol li huwa kien jagħmel filgħaxija bħala waiter peress li l-ebda prova ma tressqet fir-rigward ta' dan l-allegat impieg.*

*Is-salarju tal-attur irid jiġi aġġustat u jogħla abbażi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-multiplier[16], u dan skont ir-rata ta' inflazzjoni riżultanti f'dawn l-aħħar ħames snin fi Spanja, b'hekk {€11,707.47 + (€11,707.47 x 0.7% x 33)}, sabiex b'hekk il-Qorti qiegħda tikkomputa s-salarju medju li l-attur kien jirċievi li kieku baqa' jaħdem, fis-somma ta' €11,707.47 + €14,411.90 ÷ 2 = €13,059.69. Huwa dan is-salarju li l-Qorti ser tieħu għall-finijiet tal-komputazzjoni li trid tagħmel.*

*Il-multiplier huwa fattur pjuttost diskrezzjonali għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' sebgħa u għoxrin (27) sena, li hija l-età li kellu l-attur meta seħħ l-inċident, il-multiplier adottat ikun ta' tlieta u tletin (33), tenut kont li persuna fl-età tal-attur huwa mistenni jaħdem almenu sakemm ikollu ħamsa u sittin (65) sena sabiex jilħaq età pensjonabbli.*

*...*

---

13 *A fol. 48 sa 62.*
14 *A fol. 63 sa 77.*
15 *A fol. 78 sa 81*
16 *F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju, 2001, fl-ismjiet* ***Joseph Galea v. Charles Fenech pro et noe****, il-Qorti stabbiliet illi,"Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur il-Qorti trid tieħu inkonsiderazzjoni l-effett li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-multiplier". Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.7% kif suġġerit mis-soċjetà intervenuta fil-kawża fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar ħames snin skont* https://www.statista.com/statistics/271077/inflation-rate-in-spain/: *{-0.5% (2015); -0.2% (2016); 1.96% (2017); 1.68% (2018); u -1.28% (2019)}.*

*L-esperti mediċi ġudizzjarji* ***Dr Anthony Galea Debono*** *u* ***Mr Frederick Zammit Maempel****, maħtura sabiex jagħmlu evalwazzjoni tad-diżabiltà permanenti sofferta mill-attur mil-lat newroloġiku u ortopediku rispettivament, waslu għall-konklużjoni li l-grad ta' din id-debilità hija ta' 65%*[17]*, filwaqt li Dr David Cassar fir-rapport tiegħu*[18] *wasal għall-perċentwali ta' diżabilità ta' 25% mil-lat psikjatriku. Il-Qorti ma ssibx raġuni għaliex m'għandhiex tistrieħ fuq ir-rapport tal-imsemmija esperti mediċi ġudizzjarji li saħansitra mhux kontestati mill-partijiet. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-attur jissottometti li b'hekk huwa sofra diżabilità permanenti fil-perċentwali ta' 90%, jiġifieri t-total tal-perċentwali stabbiliti mit-tliet esperti mediċi ġudizzjarji. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan u tgħid li l-kalkolu tal-perċentwali għandu jirrifletti dak li huwa l-aktar aċċettat minn dawn il-Qrati*[19] *fejn sabiex wieħed jasal għal perċentwali aktar raġonevoli u li wkoll tagħmel ġustizzja mal-attur, għandu jiġi kkalkolat il-weighted average*[20]*, jiġifieri fil-każ odjern {(100 – 65) x 25} ÷ 100 + 65 = 73.75% li għall-fini ta' prattiċità qed jiġi aġġustat għal 74%.*

*L-evoluzzjoni ġurisprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba (lump sum payment). Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dan l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta jiġi ppreżentat ir-rikors maħluf u d-data tas-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża ġiet ippreżentata ftit aktar minn tliet snin ilu fit-13 ta' Jannar, 2017, minkejja li l-inċident kien seħħ fl-2015, u d-deċiżjoni ser tkun qiegħda tingħata mingħajr ma jirriżulta li kien hemm titubar jew delungar intenzjonat da parti ta' xi waħda jew oħra mill-partijiet.*

*Is-salarju medju ta' €13,059.69 x multiplier ta' 33 x 74% diżabiltà permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal cifra ta' €318,917.62, li meta tiġi mnaqqsa b'20% għal-lum sum payment, iwassal għaċ-ċifra ta' €255,134.10. Huwa dan il-lucrum cessans li l-Qorti qiegħda tistabbilixxi li għandu jitħallas mill-konvenuta.»*

8. Il-konvenuta Maria Spiteri appellat minn din is-sentenza b'rikors

---

[17] *Supra.*

[18] *Supra.*

[19] *Ara App.Sup.913/00,* ***Brian Micallef v. Brian Tyre Services Ltd et****, 31.01.14, u proprju s-sentenza ċitata mis-soċjetà intervenuta fil-kawża rikors maħluf nru. 760/15,* ***Anthony Micallef u Helen Taliana in rappreżentanza ta' u eżerċenti l-awtorità parentali fuq binthom minuri Shania Micallef v. Pierre Cuschieri****, 10.04.19.*

[20] *Ara regolament 3 tad-Draft Regulations for Assessment of Damages for Death or Incapacity – "Assessment Regulations" tal-2010 maħruġa mill-Ministru Responsabbli għall-Ġustizzja: (100 – M) x m + M fejn "M" hi l-ogħla rata u "m" hi l-aktar rata baxxa.*
*100*

imressaq minnha fit-13 ta' Ottubru, 2020. L-appell tagħha jissejjes fuq ħames aggravji li huma: (i) li hi ma taħtix għall-inċident għax kellha *blackout*; (ii) li l-appellat ma kienx liebes iċ-ċinturin tas-sigurtà; (iii) li d-danni psikoloġiċi ġew maħduma ħażin; (iv) li d-*damnum emergens* likwidati mill-Ewwel Qorti ma ġewx ippruvati; u (v) li l-multiplier kellu jkun ta' 25 sena u mhux ta' 33 sena.

9. Min-naħa l-oħra, il-kumpanija intervenuta ressqet risposta fit-3 ta' Novembru, 2020, li permezz tagħha ddikjarat li ħa toqgħod għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti fir-rigward tal-aggravji mressqa mill-appellanti.

10. L-attur *nomine* ressaq ir-risposta tiegħu għal dan l-appell fl-10 ta' Novembru, 2020 fejn ta r-raġunijiet għala l-appell kellu jiġi miċħud. Flimkien mar-risposta tiegħu, l-attur iressaq ukoll appell inċidentali b'ħames aggravji: (i) li l-Ewwel Qorti kellha tgħolli aktar l-ammont tad-*damnum emergens*; (ii) li l-perċentwal ta' diżabiltà permanenti kellu jkun iktar għoli; (iii) li l-*lucrum cessans* likwidat kellu jiżdied ukoll; (iv) li ma kellux isir tnaqqis ta' 20% fuq is-somma likwidata; u (v) li huwa għandu jiġi kkumpensat ukoll għall-ispejjeż futuri li jrid joħroġ minn butu minħabba dak li ġralu bl-inċident.

11. Il-kumpanija GasanMamo Insurance Limited ressqet risposta għall-appell inċidentali fis-7 ta' Diċembru, 2020, li permezz tagħha fissret

għala l-appell inċidentali kellu jiġi miċħud.

12. Inżamm smigħ fit-18 ta' Jannar, 2024 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

13. Illi hija regola ġenerali fi kwistjonijiet ta' stħarriġ ta' responsabbiltà f'ħabta jew inċident, li kull sewwieq irid iħares żewġ regoli ewlenin, jiġifieri: (a) li jirregola s-sewqan tiegħu skont iċ-ċirkostanzi kollha tal-inħawi fejn ikun (magħduda magħhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-ħin u l-kundizzjonijiet atmosferiċi); u (b) li jżomm attenzjoni (*proper look-out*) dwar dak li jkun qiegħed iseħħ fil-qrib jew huwa mistenni li jseħħ minnufih (ara s-sentenzi ta' din il-Qorti tas-17 ta' Marzu, 2021, fl-ismijiet ***Janette Borg née Ciappara et v. Frangisku Pisani et***; u tas-27 ta' April, 2023 fl-ismijiet ***Atlas Insurance PCC Limited v. GasanMamo Insurance Limited***).

14. Ġie mtenni fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-sentenza deċiża 19 ta' Mejju, 2021 fl-ismijiet ***GasanMamo Insurance Limited v. Joseph Caruana*** li:

> *«Il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet* ***Jesmond Bonello v. Giulio Baldacchino*** *(App Ċiv 15.01.1997), fejn il-Qorti qalet hekk:*
>
> > *"... f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabbiltà għall-inċident awtomobilistiku, il-Qorti għandha dejjem tiġġudika a bażi ta' dak li*

> *jirriżultalha li kienet il-kawża prossima u immedjata tiegħu u tapplika għalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolament u t-tħaris u l-ksur tagħhom li addebitaw ir-responsabbiltà u mhux l-ekwità u l-ġudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li għandhom jiġu riġidament applikati. Dan biex jiġi assigurat l-ordni, fir-rispett tal-istess regolamenti, li wieħed jista' jipprevjeni l-inċident."*»

15. Din il-Qorti ser tibda billi tqis l-**ewwel aggravju tal-konvenuta**. Permezz tiegħu hija tgħid li l-verżjoni tagħha, li l-inċident seħħ wara li hija kellha *blackout*, kienet waħda li l-Ewwel Qorti kellha toqgħod fuqha.

16. Wara li din il-Qorti fliet l-atti tal-kawża, ma tqisx li l-konvenuta tista' taħsel idejha mir-responsabbiltà għall-inċident serju tat-traffiku b'din l-ispjegazzjoni. Huwa minnu li mill-atti jirriżulta li hija kellha episodju ta' *blackout* madwar ħames xhur qabel l-inċident taħt eżami (ara Dok. CS f'paġna 621 tal-proċess), li għalih hija ġiet rikoverata l-isptar. Hija tixhed li minn testijiet li għamlulha xahar wara, qalulha li hija ma kellha xejn, għalkemm prova ta' dan ma ressqitx. Madankollu, din l-ispjegazzjoni li l-konvenuta tipprova tagħti erba' snin wara l-inċident, ma tantx hija konvinċenti u dan għal numru ta' raġunijiet.

17. L-ewwel nett, l-istess konvenuta fl-istess nifs li bih tressaq din it-teorija, tikkonferma li hija ma tiftakar xejn dwar id-dinamika tal-inċident (ara paġna 620 tal-proċess). It-tieni nett jekk wieħed iqis l-istqarrija li Spiteri tat lill-pulizija ftit jiem wara l-inċident, minnha jirriżulta li qalet, "*L-aħħar li niftakar li qed noħroġ il-karozza minn ġol-parking ta' Eden*

*Century,"* Hi ma semmiet l-ebda *blackout* minħabba xi kundizzjoni fiżika illi kellha, bħalma lanqas ma semmiet l-episodju ta' *blackout* illi kellha qabel.

18. F'kull każ, din l-ispjegazzjoni tal-*blackout* titqies inverosimili, għar-raġuni li dan mhux każ fejn il-konvenuta kienet qiegħda ssuq u baqgħet dieħla f'karozza oħra aċċidentalment. Iżda kif jirrakkonta x-xhud okulari tal-inċident, Ian Vella, lill-pulizija:

> «*Jiena kont qed nistenna fuq it-traffic lights ta' Paceville biex indur lejn it-triq St. Andrija u quddiemi kien hemm il-vettura bajda li kienet involuta f'inċident flok daret kif suppost normali jduru lejn ix-xellug, daret lejn il-lemin, għaldaqstant l-imsemmija vettura bdiet tiela' ssuq kontra direzzjoni tat-traffiku*.»

19. Iżda l-aktar rilevanti hija x-xhieda mogħtija minn dan Ian Vella quddiem l-Ewwel Qorti, meta wara li kkonferma dak li ngħad minnu lill-pulizija kompla jgħid: "*Jiena dak il-ħin għalija kollox kien normali kien jiġifieri fuq il-lights fuq l-aħmar <u>u nista' nassigurak jien li qalat fuq l-aħdar</u>. Sa dak il-mument kien mument normali"* (ara paġna 497 tal-proċess). Dan ifisser li meta l-konvenuta kienet qiegħda tistenna fuq it-*traffic lights* hija kienet konxja, tant li reġgħet qabdet issuq il-karozza hekk kif id-dawl inbidel minn aħmar għal fuq l-aħdar.

20. Hekk ukoll, din il-Qorti ssostni li bilfors il-konvenuta kienet konxja, hekk kif qabdet tiela' l-karreġġata ħażina kontra t-traffiku. Dan jingħad peress li hija kellha bilfors iddawwar l-*isteering* sabiex iddur għal fuq il-

lemin tagħha. Mod ieħor kienet tibqa' sejra faċċata għal ġewwa l-ilqugħ tal-pont. Hija din id-deċiżjoni tal-konvenuta li timbokka l-karreġġata l-ħażina kontra d-direzzjoni tat-traffiku li kienet il-kawża prossima tal-inċident, hekk kif hija u tiela' t-telgħa baqgħet dieħla f'xarabank li kienet nieżla fit-triq tagħha.

21. Dan jingħad ukoll peress li mix-xhieda tax-xufier tax-xarabank, Carmel Mallia, rriżulta li l-inċident seħħ meta: "*Kont nieżel fi triqti lejn San Ġiljan, kif qbiżt il-ħanut Sunrise Inn, fl-ewwel dawra sibt vettura tiela' għal ġo wiċċi"* (ara paġna 128 tal-proċess). Meta dan l-istess xhud xehed quddiem il-Qorti huwa qal: "*Mill-vija tiegħi, kienet tiela' kontrija ġot-triq tiegħi ... u jien nieżel hekk fil-kantuniera*" (ara paġna 529 tal-proċess). Dan ifisser li l-konvenuta telgħet biċċa sew mill-karreġġata qabel seħħet il-ħabta. Jiġi b'hekk, li din il-Qorti qiegħda tasal għall-istess konklużjoni tal-Ewwel Qorti, li kien is-sewqan ħażin tal-konvenuta li wassal għall-inċident u mhux l-allegat *blackout*.

22. Aktar milli *blackout*, din il-Qorti aktar tqis li l-konvenuta setgħet forsi kienet għajjiena, peress li kienet ilha barra mid-9.00pm tal-ġurnata ta' qabel u l-inċident seħħ fil-5.20am. Magħdud ma' dan, hemm il-fattur l-ieħor, li x'aktarx iktar iva milli le, hija kienet ikkunsmat xorb alkoħoliku qabel ma seħħ l-inċident.

23. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan il-fattur tax-xorb ma jistax jitqies irrilevanti bħalma ngħad mill-Ewwel Qorti, peress li x'aktarx kienu sewwasew l-għejja u l-konsum tal-alkohol li wassal lill-konvenuta tagħmel l-iżball li taqbad il-karreġġata l-ħażina, aktar milli l-każ li l-konvenuta kellha *blackout.* Wara kollox, hija ma ressqet l-ebda xhud bħal xi wieħed mill-passiġġieri li kellha fil-karozza sabiex isaħħaħ din il-verżjoni tagħha. Ladarba hija kienet qiegħda tressaq din l-allegazzjoni l-obbligu li tressaq prova sodisfaċenti kien mixħut fuqha, peress li jibqa' applikabbli l-prinċipju li min jallega jrid jipprova (ara **Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**).

24. Minbarra dan, tibqa' valida l-osservazzjoni tal-Ewwel Qorti li l-konvenuta wriet nuqqas ta' responsabbiltà u saħansitra negliġenza meta minkejja li ħassitha tant għajjiena (u dan hija stess tgħidu diversi drabi fl-affidavit tagħha), hija ddeċidiet li ssuq lura d-dar u saħansitra aċċettat li twassal lill-attur u lill-kollegi tiegħu tax-xogħol lura d-dar tagħhom.

25. Illi fid-dawl ta' dan, din il-Qorti tqis illi l-attur *nomine* ma kellu bżonn iġib l-ebda prova oħra dwar il-ħtija tal-konvenuta għall-inċident inkwistjoni għaliex dan huwa każ klassiku ta' *res ipsa loquitur*; prinċipju dan li jrid li s-sempliċi okkorrenza ta' ċertu tip ta' inċidenti għandha titqies bħala biżżejjed biex timplika negliġenza. Kif jingħad minn **Giorgi** fit-trattat tiegħu **Obbligazioni (Vol. V, p. 157)**:

> *«Vi sono fatti dannosi che non si sa se siano l'effetto di umana malizia, negligenza o imperizia, o se siano l'effetto di fortuito … o bene, in questi casi la colpa dev'essere provata direttamente. Vi sono, per contario, altri fatti dannosi che portano l'impronta della colpa, perché le nove volte su dieci dipendono appunto dalla umana malizia o imperizia. È quindi manifesto che in tali casi può bastare la prova del danno, perché la colpa ne emerga come naturale presunzione, e debba l'autore del danno assumere la prova del fortuito, se voglia liberarsi.»* (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell deċiża fis-27 ta' Jannar, 2021 fl-ismijiet ***Alfred Spiteri et v. Joseph Cutajar et***).

26. Għal dawn ir-raġunijiet kollha l-ewwel aggravju tal-konvenuta appellanti mhux mistħoqq.

27. Imiss li din il-Qorti tistħarreġ it-**<u>tieni aggravju tal-konvenuta</u>**, li permezz tiegħu tgħid li l-attur, José Alberto Dura Sapina, ikkontribwixxa għad-danni mġarrba minnu meta huwa naqas milli jilbes iċ-ċinturin tas-sigurtà. L-appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti warrbet it-teżi tagħha u dak irrappurtat fil-fajl mediku li jiddeskrivi kif instab l-appellat u għażlet li tistrieħ fuq dak li l-attur xehed snin wara l-inċident. Tgħid ukoll li fi kwistjoni daqshekk importanti, bħalma hija n-negliġenza kontributorja, kellha tiġi mkejla fuq dak li ngħad ftit wara l-inċident, meta l-ġrajjiet ta' dak li ġara jkunu ferm aktar friski f'moħħ il-persuna. Sewwasew għalhekk il-Qrati jisħqu fuq il-valur probatorju tax-xhieda mogħtija *a tempo vergine.* Targumenta li fi kliem l-istess attur, mal-ħabta huwa nbeżaq barra mill-vettura u spiċċa taħt il-karozza tal-linja. Għalkemm dan ma jeħlishiex b'mod totali mill-ħtija, madankollu hiha ssostni li jeħtieġ li wieħed jara l-*causa causans* ta' dan in-nuqqas. Skontha dan l-għarbiel kellu jwassal lill-Ewwel Qorti sabiex tgħabbi parti mill-ħtija lill-istess José Alberto Dura

Sapina, li ma kienx persuna eżentata milli tilbes iċ-ċinturin.

28. Illi għal dak li jirrigwarda d-difiża tal-kontributorjetà jgħodd l-**Artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili**, li bis-saħħa tiegħu n-negliġenza tal-parti li tbati l-ħsara tnaqqas mill-ħtija tad-danneġġjant. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra (ara App. Ċiv. 20.1.1964 fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Galdes v. Victor Micallef***), u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti (ara P.A. PS 31.1.2003 fil-kawża fl-ismijiet ***Onorato Bugeja v. Dennis Agius***). Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjetà għall-ħsara tkun tali li tkun għalkollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara (ara P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Fenech v. Rook Construction Ltd et***). Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li *onus incumbit ei qui dixit*, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjetà tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha.

29. Minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjetà min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjetà fejn il-

vittma tqiegħed lilha nnifisha fil-periklu li tkorri jew li ġġarrab ħsara (ara, b'eżempju, App. Ċiv. 5.10.2001 fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef et v. John Pisani et noe***). Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li *volenti non fit iniuria*. Illi kif ingħad f'ċirkostanzi oħrajn bħal dawn,

> *«Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself»* (***Froom v. Butcher*** CA QB 286 (1976) per Denning LJ) (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fis-27 ta' Jannar, 2022 fl-ismijiet ***Martin Costa v. Jonathan Bugeja***).

30. Huwa minnu li n-nuqqas ta' passiġġier f'karozza li jilbes ċ-ċinturin, għalkemm ma titfax fuq dak il-passiġġier ir-responsabbiltà sħiħa għall-inċident, b'danakollu tista' titfa' fuqu responsabbiltà f'parti għad-danni li jġarrab, peress li bin-negliġenza u n-nuqqas tiegħu li juża qies ta' sigurtà, seta' jnaqqas il-ħsara li tista' tiġrilu. Rilevanti f'dan is-sens huma s-sentenzi ta' din il-Qorti tal-20 ta' Lulju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet ***Noel Falzon v. Dexter Bianco*** u dik tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-4 ta' Ottubru, 2011 fil-kawża fl-ismijiet ***Alan Busuttil v. Raymond Farrugia***.

31. Tajjeb jingħad li José Alberto Dura Sapina ma seta' jagħti l-ebda verżjoni lill-pulizija wara l-inċident, hekk kif huwa dam mitluf minn sensih (f'koma) għal madwar ġimagħtejn (ara r-rapport tal-esperti mediċi f'paġna 531 tal-proċess). Isegwi li ma ngħatat l-ebda verżjoni minnu *a tempo*

*vergine.* Għalhekk ma jistgħux jitqiesu daqstant rilevanti l-ġurisprudenza u t-tagħlim tal-awturi li l-appellanti ssemmi fl-appell tagħha dwar id-dikjarazzjonijiet li jingħataw *a tempo vergine.*

32. Meta wieħed jara dak irrappurtat fil-fajl mediku ta' José Alberto Dura Sapina, hemm numru ta' diskrepanzi dwar din il-materja, hekk kif daqqa jingħad: *"involved in MVA, back passenger folded in two behind driver's seat"* (ara paġna 143 tal-proċess) u daqqa jingħad: "*was a back passenger of a car involved in a head-on collision with a bus. He was thrown out of the passenger window on impact and he does not remember anything after that."*

33. Barra minn hekk, l-istess José Alberto Dura Sapina qal lill-istess tobba kif ma jiftakar xejn dwar l-inċident jew dwar dak li ġara wara l-inċident, tant li fir-rapport jingħad: "*He has been told that he was a backseat passenger in a car and was sitting behind the driver. He was not wearing a seatbelt. However, he stated he has no recollection of being in the vehicle, of the accident or of the time following the aċċident."* Dan ifisser li, meta tliet snin wara l-inċident, l-attur José Alberto Dura Sapina qal lit-tobba li ma kienx liebes iċ-ċinturin, x'aktarx dan huwa dak li ngħad lilu minn ħaddieħor.

34. Fl-affidavit tiegħu José Alberto Dura Sapina jgħid li:

*«In the crash I just flew right out the car ending up under the bus and therefore all my nerves from my brachial plexus of my right arm got ripped off, since my right arm got stacked with the seat belt in the moment I flew extremely fast out of the car as a result of the collision and after that moment I don't remember anything until I woke up in the hospital and I saw my family, girlfriend and friends after 15-20 days from the crash.»*

35. Hemm għalhekk diskrepanza, hekk kif min-naħa jingħad li bl-impatt José Alberto Dura Sapina tar barra mill-vettura u min-naħa jingħad li ġarrab ġrieħi estensivi minħabba li nqabad id-driegħ fiċ-ċinturin. Fil-fatt, fil-kontroeżami li l-kumpanija intervenuta fil-kawża għamlet lil José Alberto Dura Sapina, ingħad minnu wkoll: *«**a lot of people tell me a lot of histories.... No the people told me that I was on the back right but I don't remember**.»* Dan apparti li meta huwa ġie mistoqsi jekk kienx liebes ċinturin dakinhar tal-inċident, huwa ddikjara *«**No I don't remember. Nothing about the car**.»*

36. Madankollu, hemm numru ta' xhieda li kienu preżenti eżatt wara l-inċident, li x-xhieda tagħhom tista' titqies indipendenti u li titfa' d-dawl fuq dan kollu. Hekk pereżempju, Ian Vella, li kien wara l-vettura tal-konvenuta. Dan qal hekk:

*«**Xhud:** ...Jien fuq wara kien hemm ammont ta' nies nimmaġina tlieta, in-naħa tax-xufier kien hemm ovvjament ix-xufier u n-naħa l-oħra fuq quddiem ma kien hemm ħadd però kien hemm dan il-ġuvni kien qiegħed barra mill-karozza u assumejt li kien qiegħed hemmhekk.*

***Dr. Joseph Gatt**: It-tlieta l-oħra kienu għadhom fil-karozza meta dan kien barra?*

***Xhud**: Iva hu ħareġ jiġifieri l-uniku wieħed li ħa ngħidu hekk ma ġralu xejn għax kieku ma ħariġx.*

> ***Qorti**: U t-tlieta l-oħra għidt li ma kenux konxji.*
>
> ***Xhud**: Le ma kinux»* (ara paġni 500-501 tal-proċess)

37. Hemm ukoll, ix-xhieda fil-proċeduri tal-arbitraġġ tal-uffiċjal tal-pulizija li mar fuq il-post tal-inċident, PS 700, Conrad Busuttil u li ħejja r-rapport li xehed:

> *«Meta mbagħad mort fuq il-Yaris, kien hemm erba' persuni.* ***Meta ersaqt lejn il-karozza stajt nara tliet min-nies imma meta dħalt sa nofsi mit-tieqa, irrealizzajt li kien hemm persuna fuq wara taħt is-seat.*** *Irrid ngħid illi fuq quddiem kien hemm biss ix-xufier, Maria Spiteri, mentri t-tlieta l-oħra kienu wara.*
>
> ***Minn dawn l-erba' persuni, ħadd ma kellimni, kienu kollha mitfugħin gozz fuq xulxin.***
>
> *...*
>
> *Fil-pront ġie ġuvni barrani, li qalli li kien riekeb fuq quddiem bħala passiġġier fil-Yaris, u beda jgħidli li lilu ma ġralu xejn "I'm ok but my Spanish friend is dead...Dan telaq jiġri u ma stajniex nilħquh. Imbagħad jerġa' jiġi jiġri, jibki u jerġa' jitlaq.*
>
> *...*
>
> ***Ma niftakarx jekk il-persuni fil-Yaris kinux lebsin seatbelt, għaliex bid-dmija li kien hemm mhux se tiftakar dettall simili.*** *»* (Ara paġna 683 tal-proċess).

38. La dawn iż-żewġ xhieda u lanqas ix-xufier tax-xarabank ma semmew li xi ħadd mill-passiġġieri fil-karozza, li baqgħet dieħla fix-xarabank jew xehdu li mal-ħabta, inbeżaq 'il barra minnha. Marta Agnieszka Rucinska li kienet riekba fil-karozza mal-konvenuta u l-attur, spjegat kif kienu bilqiegħda l-passiġġieri fil-karozza, (l-attur José Alberto Dura Sapina kien riekeb bħala passiġġier wara l-konvenuta li kienet qiegħda ssuq) u minkejja li ammettiet li hija ma kinitx liebsa ċ-ċinturin, peress li ma setgħetx issibu meta rikbet fuq wara fin-nofs, ma setgħetx

tiftakar jekk l-attur kienx liebes iċ-ċinturin jew le (ara paġna 526 tal-proċess).

39. Minn dawn il-provi, din il-Qorti tqis li ġie ppruvat li mal-impatt l-attur ma nbeżaqx 'il barra mill-karozza, u kif ukoll, li l-attur kien bilqiegħda fuq is-sedil (*seat*) ta' wara tal-karozza wara x-xufier.

40. Jifdal biss il-kwistjoni jekk l-attur kienx liebes iċ-ċinturin tas-sigurtà. Din il-Qorti tqis li, fuq bażi ta' probabbiltà, l-attur ma kienx liebes ċinturin tas-sigurtà. Dan il-konvinċiment huwa bbażat fuq il-fatt li, wara l-inċident eżatt, l-attur instab fuq wara taħt is-sedil. Li kieku José Alberto Dura Sapina kien liebes ċinturin tas-sigurtà ma kienx se jispiċċa kif spiċċa żgur. Irriżulta li l-impatt kien wieħed qawwi għaliex kien frontali. Huwa ferm inverosimili li bl-impatt iċ-ċinturin tas-sigurtà nħall. Barra minn hekk, jidher li ħadd mill-passiġġieri ma kien liebes iċ-ċinturin. Ma jridx jintesa li s-Surġent Conrad Busuttil xehed li l-persuni kienu kollha mitfugħin gozz fuq xulxin. B'hekk aktar iva milli le, lanqas l-attur José Alberto Dura Sapina ma kien liebes iċ-ċinturin tas-sigurtà.

41. Ladarba ġie stabbilit li l-attur ma ħax il-prekawzjonijiet sabiex iħares lilu nnifsu, kif kellu l-obbligu li jagħmel, jonqos li jitqies jekk kienx hemm element ta' kontributorjetà għad-danni li ġarrab. Jiġi nnutat li għalkemm, il-kumpanija intervenuta eċċepiet mill-ewwel li l-attur kien

negliġenti minħabba dan il-fattur, naqset milli tagħmlel mistoqsijiet f'dan is-sens lill-esperti mediċi, ċjoè jekk kinitx tagħmel differenza f'termini mediċi l-ilbies taċ-ċinturin tas-sigurtà, meqjus il-ġrieħi li l-attur ġarrab. Iżda għalkemm din il-mistoqsija ma saret minn ħadd, din il-Qorti tqis li l-ilbies taċ-ċinturin, fuq bażi ta' probabbiltà, kien se jtaffi mill-effetti li kellu l-impatt fuq l-attur meqjus il-ġrieħi fejn kienu. Tqis li fiċ-ċirkustanzi tal-każ, persentaġġ ta' 15% kontributorjetà huwa wieħed ġust.

42. L-Ewwel Qorti ma kellhiex raġun toqgħod fuq dak li qal l-attur José Alberto Dura Sapina fl-affidavit tiegħu dwar id-dinamika ta' kif weġġa' u dan meta qal li ma kienx jiftakar x'ġara u li ħafna nies tawh verżjonijiet differenti ta' x'seħħ. Magħdud ma' dan, ix-xhieda tas-Surġent li mar fuq ix-xena tal-inċident, flimkien man-notamenti fil-fajl mediku tal-persuni li taw l-ewwel għajnuna ma jħallu ebda dubju.

43. Għalhekk dan l-aggravju huwa mistħoqq.

44. Imiss li jiġi trattat it-**tielet aggravju tal-konvenuta appellanti**, dak fejn tikkontendi li kellhom jitwarrbu d-danni mentali riżultanti mir-rapport tal-espert psikologu. Hija tisħaq li l-perċentwal stabbilit minn Dr David Cassar ma kellux jittieħed qies tiegħu u l-perċentwal kellu jkun dak biss ta' 65% marbut mad-diżabiltà fiżika. Dan peress li għalkemm l-inċident li kien involut fih l-attur kien wieħed pjuttost serju, ma jistax jingħad li t-

trawma ta' dak l-inċident ħolqot xi diżabiltà addizzjonali li naqqset il-kapaċità tiegħu li jsib xogħol.

45. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-aggravju. F'dan ir-rigward, issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Ottubru, 2021, fil-kawża fl-ismijiet ***Andrew Brincat et v. Tabib Ewlieni tal-Gvern et**,* fejn saret referenza għal sentenza oħra ta' din il-Qorti, dik tal-15 ta' Jannar, 2002, fl-ismijiet ***Peter Sultana v. Anthony Abela Caruana*,** li kienet ukoll titratta inċident tat-traffiku fejn hemm ingħad:

> *«Fi kliem ieħor, ukoll jekk is-sintomi tal-attur għandhom aktar mill-"psikoloġiku" milli mill-"organiku", xorta huma sintomi li tassew iħallu effett fuqu, fuq is-setgħat tiegħu, fuq il-mod kif iħares lejh innifsu u, għalhekk, fuq il-kapaċità tiegħu li jaħdem u li jimxi 'l quddiem fix-xogħol tiegħu. Iħallu, għalhekk ukoll, effett fuq dak li jinteressana f'din il-kawża: is-setgħa tiegħu li jaqla' l-flus. Dawn is-sintomi nħolqu minħabba l-inċident, u għalhekk kien l-inċident il-kawża diretta tat-telf li qed iġarrab l-attur....<u>Filwaqt li tirrikonoxxi d-diffikultà tal-prova f'dan il-kamp, hi ċertament ma tistax teskludi illi jeżistu sitwazzjonijiet fejn il-ħsara provokata minn inċident, anke stradali, ma tkunx daqstant fiżika daqs kemm psikika. Tqis inoltre li filwaqt li jista' jkun li jkun hemm ħsara fiżika li ma tkunx ta' natura permanenti, mhux eskluż li tali ħsara setgħet tipprovoka debilità psikoloġika permanenti li tista' wkoll tkun kwantifikata f'telf ta' qligħ futur</u>. Biżżejjed jitqies il-każ ta' tfajla li ssofri sfreġju f'wiċċha li jkun biż-żmien rimedjabbli, imma li jaffettwalha permanentement l-psike tagħha."* (sottolinjar ta' din il-Qorti)

46. Wara li din il-Qorti rat ir-rapport mediku tal-konsulent psikjatriku, Dr David Cassar, li eżamina l-attur kważi tliet snin wara l-inċident, apparti li semma l-konsegwenzi tat-trawma li ġarrab l-attur u l-mediċini li kien għadu qiegħed jieħu, huwa kkonkluda li:

> *«José Alberto Dura Sapina suffers from a chronic psychiatric disorder which requires ongoing psychiatric and psychological treatment. His disorder includes severe impairment in mood and **<u>impairs his ability to work,</u>** and to engage in meaningful relationships. His level of disability*

> *from a psychiatric aspect is calculated at 25% according to established international criteria.»*

47. Din il-konklużjoni tal-espert mediku hija dijametrikament l-oppost ta' dak li ngħad mill-appellanti, fis-sens li f'dan il-każ instab li d-diżabiltà psikika li ġarrab l-attur konsegwenza tal-inċident, kellha impatt ukoll fuq il-kapaċità tiegħu li jsib xogħol.

48. Kif ingħad drabi oħra minn din il-Qorti, fil-qasam ta' perizja medika, għalkemm Qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti ġudizzjarji maħtura minnha kontra l-konvinzjoni tagħha stess, (ara **Artikolu 681 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**) madankollu, ladarba l-fehmiet tal-espert mediku huma meqjusa bħala aċċertament ta' fatti, ifisser li sabiex il-Qorti tkun tista' twarrabhom, jeħtieġ li jkun hemm raġunijiet serji u validi biżżejjed. Wara kollox, il-Qorti ma tistax tkun prużuntuża illi tmur kontra l-opinjoni teknika tal-esperti tagħha, meta tali opinjoni ma tkunx ġiet raġonevolment megħluba bi provi oħra konvinċenti. Dan għaliex, f'qasam tekniku jew speċjalizzat, bħalma huwa l-qasam mediku, l-Imħallef ma jkollux dak l-għarfien tas-suġġett jew ħila prattika biex minn rajh jasal għall-fehma li ma tkunx gwidata minn fehma teknika ta' espert fil-qasam (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Novembru, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Antoine Spiteri v. Mario Vella et*** u l-ġabra ta' ġurisprudenza hemm msemmija).

49. Fid-dawl tar-rapport mediku tat-tabib Cassar, li fih innifsu, fin-nuqqas ta' eskussjoni jew talba għall-ħatra ta' esperti addizzjonali f'dan il-qasam, jikseb ukoll ċertu piż probatorju, din il-Qorti ma tqisx li tista' twarrab dan ir-rapport, kif tippretendi l-konvenuta appellanti f'dan l-aggravju tagħha.

50. Ngħaddu għar-**__raba' aggravju tal-konvenuta appellanti__**, fejn hija tikkontesta l-likwidazzjoni li għamlet l-Ewwel Qorti bħala *damnum emergens* għaliex issostni li sa mill-bidu hija kkontestat dan il-kwantum tad-danni permezz tal-eċċezzjonijiet tagħha. Tisħaq li l-irċevuti li ġew esibiti mill-attur mal-affidavit tiegħu kellhom jiġu kkonfermati bil-ġurament minn min ħariġhom u minkejja li bosta minnhom saru f'pajjiż barrani, l-attur dejjem seta' jressaq affidavit ta' min ħareġ dawn l-irċevuti. Fin-nuqqas ta' dan, l-appellanti targumenta li l-Ewwel Qorti kellha teskludi d-*damnum emergens* kollha.

51. Fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju mhuwiex tajjeb. Biżżejjed jingħad, li l-eċċezzjonijiet waħidhom fir-risposta ġuramentata dwar il-kontestazzjoni tad-danni mġarrba mhijiex biżżejjed sabiex tnaqqas mill-piż probatorju tal-evidenza li tkun tressqet mill-attur dwar id-danni mġarrba (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Novembru, 2017, fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Ann Fenech nomine v. Dr Mark Busuttil et nomine***).

52. Ġaladarba l-konvenuta appellanti ma ressqet l-ebda prova u lanqas għamlet mistoqsijiet fil-kontroeżami tal-attur appellat, b'rabta mal-affidavit tiegħu fejn ġew esibiti numru ta' fatturi u rċevuti ta' servizzi ta' fiżjoterapija u psikologu li huwa kellu jagħmel użu minnhom, bħala konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża, hija ma tistax issa tilmenta fir-rigward. Ladarba dan m'għamlitux ma kellhiex għalfejn tkun sorpriża li l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tagħha u lanqas tista' tippretendi li din il-Qorti ta' reviżjoni tagħmel stħarriġ fuq ilmenti dwar id-danni likwidati, meta dawn ma ġewx ikkontestati minnha, kif hawn spjegat.

53. Isegwi li dan l-aggravju tal-konvenuta appellanti wkoll mhux mistħoqq.

54. Jonqos li jiġi trattat l-**<u>aħħar aggravju tal-konvenuta appellanti,</u>** dak marbut mal-*multiplier* ta' 33 adottat mill-ewwel Qorti, peress li fil-fehma tagħha kellu jkun ferm inqas.

55. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza li l-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni (ara ***Salvatore Mifsud v. Carlo Camilleri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Novembru, 1983 u ***Joseph Bonanno v.***

***Malta Freeport Terminals Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2020).

56. Minbarra dan, għalkemm fil-passat ingħataw bosta sentenzi fejn ġie mtenni li l-*multiplier* ma kellux jaqbeż l-għoxrin sena, din is-sitwazzjoni nbiddlet wara s-sentenza ***Mary Bugeja noe et v. George Aġius noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta` Lulju, 1991, fuq ir-raġuni li l-Qorti għandha tfittex, qabel kull ħaġa oħra, li tqiegħed kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab il-ħsara, fl-istat li kien qabel l-inċident, b'dana għalhekk li l-*multiplier* irid ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Yordan Shterev v. Vassallo Builders Group Limited*** deċiża fis-16 ta' Diċembru, 2019, għalkemm fil-kejl tal-*multiplier* għandu jittieħed qies tal-età tad-danneġġjat fil-mument li seħħ l-inċident, normalment f'każijiet bħal dawn, m'għandux isir sempliċi tnaqqis bejn l-età tal-irtirar u l-età tal-persuna fil-mument tal-inċident, għaliex il-*multiplier* irid jinkorpora ġo fih dak l-element ta' «*chances and changes of life or vicissitudes of life*».

57. Il-kunċett ta' «*chances and changes of life*», ġie mdaħħal biex sewwasew jiġġustifika tnaqqis fil-komputazzjoni tad-danni minħabba li ħadd ma jaf il-futur, u għalkemm persuna tista' tgħix sa età avvanzata, il-ħajja tgħallimna mod iehor. Kien għalhekk li l-*working life expectancy* ħafna drabi ma tiġix meqjusa kollha fil-kalkolu tal-*multiplier* (ara ***Francis***

***Gauci v. Jimmy Bugeja*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta Novembru, 2009).

58. Din il-Qorti tfakkar ukoll li fuq din it-tema tal-*multiplier*, hija m'għandhiex sempliċement titqies l-età ta' 65 sena sakemm illum wieħed mistenni li jibqa' jaħdem u wara li tiġi kkunsidrata l-età tad-danneġġat fil-mument tal-inċident, isir sempliċi tnaqqis. Hekk kif imfisser minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet ***Charles Azzopardi v. P.S. 201 Sandro Magro et*** deċiża fl-24 ta' Ġunju, 2016, lanqas huwa l-każ li wieħed iħaddem il-kriterju tal-*multiplier* bħallikieku hemm xi ċertezza dwar għexieren ta' snin futuri, għax dan huwa qasam fejn għandha treġi l-moderazzjoni bejn il-jeddijiet tal-parti mġarrba u l-obbligi tal-parti li tkun ħolqot il-ħsara (ara wkoll ***Rosaria Pintley nomine v. Noel Sciortino et*** deċiża minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2019).

59. Bit-tħaddim ta' dawn il-prinċipji għall-każ tagħna, din il-Qorti tara li m'għandux jittieħed qies biss tal-fatt li l-ħajja tax-xogħol qiegħda dejjem tiżdied kulma jgħaddi ż-żmien (imqabbel maż-żmien fejn kienet tiġi użata t-tabella msemmija mill-kovenuta appellanti) imma għandu jingħata każ ukoll tal-element tal-possibilitajiet u tal-bidliet fil-ħajja. Meta jitqies kollox din il-Qorti taqbel li l-*multiplier* ta' 33 imħaddan mill-Ewwel Qorti huwa wieħed xieraq, ladarba l-attur kellu 27 sena meta seħħ l-inċident u ma ntweriex li huwa kien ibati minn xi kundizzjonijiet ta' saħħa qabel l-

inċident.

60. Dan jingħad ukoll b'rabta ma' sentenza riċenti ta' din il-Qorti tat-12 ta' Lulju, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Samuel Leone Ciantar v. Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited***, fejn hemm l-attur kien ser jagħlaq 25 sena meta seħħ l-inċident u din il-Qorti hemm adottat *multiplier* ta' 35, li tabilħaqq tista' titqies paragunabbli mal-każ taħt eżami. Għalhekk lanqas dan l-aħħar aggravju tal-konvenuta appellanti ma jistħoqqlu li jintlaqa'.

61. Ngħaddu issa għall-appell inċidentali tal-attur appellat. **<u>L-ewwel aggravju tal-attur</u>** huwa wkoll marbut mal-likwidazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti b'rabta mad-*damnum emergens.*

62. Is-sejbien ta' responsabbiltà għad-danni ma jfissirx li kull pretensjoni tad-danneġġat għandha tintlaqa' bħala fatt. Il-liġi trid li min ikun responsabbli għad-danni għandu jħallas it-telf imġarrab mid-danneġġat u dan bħala riżultat ta' dak l-inċident jew ħsara lilu magħmula. Madankollu l-attur jibqa' mgħobbi bl-obbligu li jressaq il-prova meħtieġa skont il-liġi, jiġifieri l-aħjar prova (ara **Artikolu 559 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**).

63. Taħt l-**Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili**, fost l-irjus ta' danni li l-

persuna responsabbli għandha tagħmel tajjeb għalihom lid-danneġġat hemm l-ispejjeż li l-vittma tkun ħarġet minn butha minħabba l-inċident. Dawn jitqiesu bħala *damnum emergens.*

64. Għalkemm jista' jingħad li l-mediċini u l-kura jaqgħu taħt din il-kategorija ta' spejjeż, kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti bosta mid-dokumenti ppreżentati mill-attur mhumiex irċevuti, iżda fatturi li ġew ippreżentati bil-lingwa Spanjola u ftit tingħata spjegazzjoni dwarhom. Filwaqt li l-attur fl-appell tiegħu jagħmel referenza għall-ispiża ta' €14,403 li hija spjegata f'paġna 14 bil-lingwa Ingliża, minn eżami ta' dan id-dokument, jirriżulta li din mhijiex irċevuta. Dan id-dokument inħareġ minn Aġenzija tas-Saħħa f'Valencia, li minnu jirriżulta rapport tal-mediċini li ngħata l-attur bi spjegazzjoni tal-metodu kif kellhom jittieħdu dawn il-mediċini fuq medda ta' xhur u li fih hemm ukoll indikazzjoni tal-valur ta' dawn il-mediċini.

65. Din il-Qorti ma tistax taċċetta dan id-dokument bħala l-aħjar prova li l-attur nefaq dan l-ammont f'mediċini. Dan qed jingħad mhux biss peress li dan id-dokument mhux irċevuta, iżda lanqas jagħti serħan il-moħħ li dawn il-mediċini fil-fatt tħallsu mill-attur u mhux pereżempju, ngħataw lill-attur b'xejn ladarba huwa ma jaħdimx. Dan id-dubju jitqanqal mill-fatt li minkejja l-mogħdija taż-żmien minn meta seħħ l-inċident u l-għarfien tal-attur dwar din il-kawża, imqar ressaq xi rċevuta għall-ispejjeż tal-mediċini li jingħad li saru.

66. Hekk ukoll, filwaqt li l-attur ippreżenta numru ta' fatturi marbuta mas-servizz ta' fiżjoterapija, fl-affidavit tiegħu jingħad li huwa għandu aċċess għal fiżjoterapija b'xejn fl-isptar ta' Sagunto (ara paġna 567 tal-proċess). Peress li d-danneġġat għandu wkoll obbligu li jnaqqas id-danni, ma tqisx li dawn il-fatturi jistgħu jitqiesu għall-fini tal-eżerċizzju tal-likwidazzjoni ta' danni.

67. Fuq l-ilment tal-attur li huwa ma ngħatax kumpens għat-telf attwali li ġarrab sakemm huwa kien rikoverat fl-isptar u sakemm meta mar lura Spanja huwa ma setax jaħdem minħabba l-ġrieħi li ġarrab, din il-Qorti tgħid qabel xejn, li telf ta' salarju jew telf ta' qligħ mhumiex riżarċiti bħala *damnum emergens* iżda bħala *lucrum cessans. Damnum emergens* huwa dak li l-vittma ħareġ, qiegħed joħroġ, jew għad ikollu joħroġ mill-patrimonju tiegħu biex jagħmel tajjeb għall-ħsara, waqt li *lucrum cessans* huwa l-qligħ jew dħul li, fl-imgħoddi, issa jew 'il quddiem, intilef jew sejjer jintilef u għalhekk ma jidħolx fil-patrimonju tal-vittma minħabba fl-inċident.

68. Lil hemm minn dan, kif ġustament osservat mill-kumpanija intervenuta fil-kawża fir-risposta tagħha għall-appell inċidentali, din il-pretensjoni tal-attur nibtet fl-istadju tal-appell.

69. Din il-Qorti hija waħda ta' reviżjoni. Minn ħarsa tas-sottomissjonijiet

li għamel l-attur quddiem l-Ewwel Qorti, ma tissemma l-ebda pretensjoni f'dan is-sens u għalhekk ċertament ma jistax jippretendi li din il-Qorti tagħmel eżerċizzju li lanqas biss tressaq għall-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti.

70. Dan l-ewwel aggravju se jiġi miċħud billi mhux siewi.

71. Imiss li jitqies it-**<u>tieni aggravju tal-attur</u>** appellant dwar il-perċentwal ta' diżabiltà, fejn itenni li ż-żewġ perċentwali stabbiliti fiż-żewġ rapporti tal-esperti mediċi kellhom jitqiesu b'mod distint u għalhekk jingħaddu flimkien, minflok li jinħareġ *weighted average* kif għamlet l-Ewwel Qorti.

72. Din il-Qorti iżda ma taqbilx ma' dan l-argument. Huwa aċċettat fil-ġurisprudenza li f'każ ta' varji diżabilitajiet wieħed m'għandux jieħu t-total tal-persentaġġi, iżda l-"*weighted average*" (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ***Ian Dimech v. Malta Mediterranean Training Shipping Company Limited et*** deċiża fit-30 ta' Ġunju, 2021, kif ukoll, is-sentenza ta' din il-Qorti tal-10 t' Ottubru, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Silvio Frendo et v. Rudolph Gatt et*** fejn ingħad:

> *«Meta tiġi biex tistabilixxi l-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-vittma il-Qorti għandha tuża d-diskrezzjoni tagħha sabiex tara li l-grad stabbilit ikun jirrifletti l-impatt li din id-debilità għandha fuq il-kapaċità lavorativa tiegħu. Dan peress illi fil-liġi Maltija l-lucrum cessans huwa intiż biss sabiex jagħmel tajjeb għat-telf ta' qligħ futur li tkun sofriet il-vittma, u mhux biex jagħmel tajjeb għall-impatt sħiħ li l-event dannuż kellu fl-ambitu bijoloġiku sħiħ tal-persuna. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel*

*referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et** (Appell, 06/10/2020) fejn fuq din il-kwistjoni intqal hekk:*

> *«Illi l-artikolu 1045 tal-Kodiċi jagħmilha ċara illi l-komputazzjoni tad-danni issir a bażi tad-danni patrimonjali soffert minn dik il-persuna, u għalhekk il-Qorti bilfors trid tallaċja l-komputazzjoni tal-weighted average mal-impatt illi d-diversi menomazzjonijiet li sofra l-appellant jista' jkollhom fuq il-kapaċità lavorattiva u l-qligħ futur tiegħu. Fil-fatt hija ġurisprudenza kostanti tal-qrati Maltin illi l-perċentwali ta' diżabiltà li trid tiġi stabbilita ma tirriflettix il-grad ta' inkapaċità f'sens purament mediku iżda fuq l-effett illi din għandha fuq il-qligħ tad-danneġġat.»*

73. Fil-każ tagħna, wara li din il-Qorti qieset id-diżabilità fiżika (kemm dik ortopedika, kif ukoll dik newroloġika) ċertifikata mill-esperti mediċi inkarigati mill-Qorti, fil-grad ta' 65% (ara rapport f'paġna 531 tal-proċess), kif ukoll id-diżabilità psikika stmata fir-rata ta' 25% (ara rapport f'paġna 561 tal-proċess), huwa meqjus li l-*weighted average* stabbilit mill-Ewwel Qorti fir-rata ta' 74% hija waħda ġusta. Dan peress li jitqies li din ir-rata tirrifletti sew l-impatt li d-diżabiltà permanenti mġarrba mill-attur jista' jkollha fuq il-kapaċità lavorattiva u l-qligħ futur tiegħu. L-argumenti mressqa mill-attur appellant sabiex iż-żewġ perċentwali jitqiesu separati u distinti u sabiex jingħaddu flimkien ma jwasslux lil din il-Qorti fil-fehma li għandha tbiddel id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward u għalhekk dan l-aggravju ser jiġi wkoll imwarrab.

74. Fir-rigward tat-**<u>tielet aggravju tal-attur appellant</u>**, jiġifieri fejn huwa jikkontesta d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li taħdem ir-riżarċiment għal-*lucrum cessans* fuq id-dħul tiegħu għas-sena 2014, li kien ta' €11,707.57, din il-Qorti tqis li f'dan il-każ l-attur għandu raġun, tal-inqas f'parti minnu.

75. Mill-atti tal-kawża jirriżulta ppruvat li fil-mument li seħħ l-inċident, f'Awwissu tas-sena 2015, l-attur kien impjegat bħala wejter ma' stabbiliment f'San Ġiljan. Madankollu, l-attur naqas li jressaq prova dwar id-dħul li kellu minn dan l-impieg, kif kien obbligu tiegħu li jagħmel, bħal kopja tal-kuntratt, *payslips* jew xi rendikont tat-taxxa.

76. In-nuqqas tal-attur li jressaq prova dwar il-qligħ tiegħu fil-perjodu li seħħ l-inċident, ma jfissirx li dan ma ġarrab l-ebda dannu. Wara kollox, il-kriterju tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf t'opportunitajiet għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Mejju, 2011, fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Buhagiar v. G&P Borg Limited et***).

77. L-attur ressaq provi dwar id-dħul li kellu meta kien impjegat fi Spanja matul is-snin 2013 u 2014 u fl-ewwel ftit xhur tas-sena 2015, fejn filwaqt li d-dħul totali tiegħu għas-sena 2013, kien fis-somma ta' €14,030.57, id-dħul tiegħu fis-sena 2014 kien fis-somma ta' €11,707.57. L-Ewwel Qorti ma kinitx konvinta li t-tnaqqis bejn l-2013 u l-2014 kienet minħabba l-kriżi finanzjarja li wasslet għat-tnaqqis fil-paga, kif spjegat mill-attur u għalhekk adottat il-qligħ li huwa kellu fl-2014 għal-likwidazzjoni tad-danni.

78. Iżda lil hemm mill-ispjegazzjoni tal-attur dwar it-tnaqqis fil-paga tiegħu bejn l-2013 u l-2014, meta jitqies il-fatt li l-eżerċizzju li jrid isir fil-komputazzjoni tat-telf ta' qligħ li l-attur ibati 'l quddiem, jintrabat ukoll mat-telf tal-opportunitajiet li huwa seta' kellu fil-futur, għandu jittieħed qies tal-potenzjal li l-attur seta' jagħmel avvanz u allura, li saħansitra jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu, meqjusa l-età li fiha weġġa'. Wara kollox, l-Ewwel Qorti qieset id-dħul tal-attur fl-2014, fin-nuqqas ta' prova sħiħa dwar id-dħul tiegħu fl-2015.

79. Magħmula din il-konsiderazzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, kien ikun aktar xieraq li l-ewwel tinħareġ il-medja bejn id-dħul li kellu l-attur bejn l-2013 u l-2014, jiġifieri €14,030.57 + €11,707.57= €25,738.14 ÷ 2 = €12,869.07. Imbagħad issir il-komputazzjoni dwar l-għoli tal-ħajja, skont il-*mulitplier* applikabbli f'dan il-każ, kif ingħad mill-Ewwel Qorti. Jiġifieri hija fuq din is-somma ta' €12,869.07, li jrid isir l-aġġustament meħtieġ skont l-għoli tal-ħajja (12,869.07 x 0.7% (rata tal-inflazzjoni) x 33 (multiplier) = 2,972.76 + 12,869.07 = 15,841.83) qabel ma jinħadem mill-ġdid is-salarju medju (12,869.07 + 15,841.83 = 28,710.90 ÷ 2 = **€14,355.45**). Din hija s-somma li kellha tintuża għall-iskop tal-likwidazzjoni ta' danni *lucrum cessans.*

80. Madankollu, żgur li din il-Qorti ma taqbilx mal-attur meta fl-appell tiegħu jingħad li għandhom jitqiesu wkoll l-ammont ta' €400 fix-xahar li

jingħad li huwa kien jaqla' bħala *tips* mix-xogħol ta' wejter. Apparti li ma teżisti l-ebda prova f'dan ir-rigward, it-*tips* almenu f'Malta, jitqiesu bħala soġġettivi ħafna, peress li jiddependu mir-rieda tal-konsumatur u mhux minn xi perċentwal fiss fuq il-bejgħ, drawwa li teżisiti f'numru ta' pajjiżi oħra. Isegwi li għal raġunijiet kemmxejn differenti, din il-Qorti taqbel tal-inqas f'parti ma' dan l-aggravju tal-attur u għalhekk hemm lok ta' reviżjoni fil-komputazzjoni tad-danni *lucrum cessans*.

81. Imiss li jitqies ir-**<u>raba' aggravju tal-attur appellant</u>**. .L-attur jilmenta dwar it-tnaqqis li għamlet l-Ewwel Qorti fil-perċentwal ta' 20%, meta għaddew erba' snin sakemm ingħatat l-ewwel sentenza. Jissokta jgħid, li filwaqt li dan il-kunċett forsi kien jagħmel sens fil-passat, illum tilef il-validità tiegħu, meqjus li ftit li xejn għadhom jingħataw interessi mill-banek fuq depożiti fissi. Hekk ukoll, jekk wieħed kellu jikkunsidra li jinvesti dawn il-flus fi Spanja fil-qasam tal-proprjetà, wieħed jara li l-prezzijiet tul dawn l-aħħar snin naqsu b'mod konsiderevoli. Dan iwassal għal sitwazzjoni ta' *negative interest* li kellu jitqies ukoll mill-Ewwel Qorti, hekk kif hi stess qieset ir-rata ta' inflazzjoni fi Spanja meta qieset l-aġġustament tal-għoli tal-ħajja għall-perjodu tal-*multiplier.*

82. Hawn ukoll jista' jingħad li l-attur għandu raġun f'parti dwar dan l-ilment.

83. Dawn il-Qrati għallmu li l-*lump sum payment* ta' 20% jitnaqqas meta jkun għadda żmien qasir sakemm tingħata s-sentenza finali (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' April, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Derek Fenech v. Jason Carabott et***). Fir-rigward tat-tnaqqis adottat mill-Ewwel Qorti fil-perċentwal ta' 20% bħala *lump sum payment*, skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, jekk il-kawża ddum aktar minn sentejn, il-perċentwal ta' tnaqqis minħabba l-ħlas ta' *lump sum payment* jonqos bir-rata ta' 2% għal kull sena oħra li l-kawża ddum għaddejja. (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Lulju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet ***John Muscat v. Camray Limited et***).

84. Dan it-tnaqqis fil-perċentwali jibda għaddej minn dakinhar li tkun ġiet intavolata l-kawża sakemm tingħata s-sentenza finali. Fil-fatt ġie spjegat illi r-raġuni għalfejn issir din ir-riduzzjoni hija sabiex ittaffi l-iżvantaġġ illi jikkawża l-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora,* b'applikazzjoni ta' liema f'każijiet bħal dawn, l-imgħax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza, u mhux mid-data tal-intavolar tal-azzjoni (ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti tal-1 ta' Diċembru, 2021, fl-ismijiet ***Anthony sive Antoine Dalli v. F.S. Engineering and Plastics Limited*** u dik tas-6 ta' Ottubru, 2020, fil-kawża fl-ismijiet ***Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et***).

85. Għalhekk din il-Qorti tqis li, għalkemm l-Ewwel Qorti seta' kellha

raġun fit-tnaqqis adottat minnha, ikkunsidrat li s-sentenza finali ser tingħata fi żmien ta' ftit aktar minn seba' snin minn meta nfetħet il-kawża fl-2017, u kkunsidrat ukoll li ma jirriżultax li kien hemm xi dewmien imputabbli lil parti jew oħra fil-kawża, tqis li t-tnaqqis ġust applikabbli fil-każ tal-lum għandu jkun dak ta' 6% u mhux ta' 20%.

86. Jiġi b'hekk, li l-komputazzjoni tal-*lucrum cessans* minħabba d-diżabiltà permanenti, wara li jittieħed qies tal-konsiderazzjonijiet taħt dawn l-aħħar żewġ aggravji, għandha ssir kif ġej: €14,355.45 (salarju) x 33 (multiplier) x 74% (rata ta' diżabiltà)= €350,560.09. Tnaqqis bħala *lump sum* ta' 6%: €350,560.09 - €21,033.61= **€329,526.48**. Dan l-ammont ta' €329,526.48 irid jitnaqqas bi 15% minħabba l-ħtija kontibutorja ta' José Alberto Dura Sapina għaliex ma kienx liebes iċ-ċintorin tas-sigurtà.

87. Jonqos li jiġi trattat **l-aħħar aggravju tal-attur** ċjoè dak dwar l-ispejjeż futuri. L-attur appellant jisħaq kif il-ħajja tiegħu nbiddlet kompletament u li kif jingħad mill-istess esperti mediċi maħtura mill-Ewwel Qorti, minħabba l-uġigħ li jkollu, ser ikollu jibqa' jieħu numru ta' pilloli, minbarra li jkollu jmur għall-fiżjoterapija. Hekk ukoll, għalkemm jista' jagħmel ċertu affarijiet waħdu, għadu jiddependi minn ħaddieħor u b'hekk jeħtieġlu għajnuna ta' ħaddieħor. Jissokta jgħid li għalkemm bħalissa huwa jgħix mal-ġenituri tiegħu li joffru l-għajnuna meħtieġa, dan

maż-żmien żgur ser ikollu bżonn l-għajnuna li għaliha ser ikollu jħallas tagħha. Dan apparti li spejjeż futuri marbuta ma' seduti li jkollu jagħmel ma' psikologu, sezzjonijiet ta' *acupuncture,* u sezzjonijiet ta' *mindfulness,* li bħalissa għandu spiża oħra ta' €3,480 fis-sena.

88. Tassew li din il-Qorti ma taqbilx mal-interpretazzjoni li ngħatat mill-Ewwel Qorti dwar spejjeż futuri. Kif jixhdu numru ta' sentenzi ta' din il-Qorti, fejn ingħad li spejjeż futuri għall-kura u mediċina tabilħaqq jaqgħu taħt ir-ras tad-danni emerġenti skont l-**Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili**. Issir referenza b'eżempju is-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Ġunju, 2023, fil-kawża fl-ismijiet ***Trevor Grech v. Lawrence Agius***.

89. Din is-sentenza ġiet msemmija wkoll f'sentenza oħra reċenti ta' din il-Qorti, dik tas-26 ta' Frar, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***Vladyslava Kravchenko et v. Kevin Micallef et***, li wkoll kienet titratta persuna żagħżugħa li ġarrbet diżabiltà konsiderevoli fil-persuna tagħha. F'din l-aħħar sentenza ngħad hekk:

> *«Kif ingħad fis-sentenza reċenti ta' din il-Qorti tal-15 ta' Ġunju, 2023, fil-kawża fl-ismijiet* ***Trevor Grech v. Lawrence Agius****, fejn b'referenza għall-ġurisprudenza hemm ċitata, ċertament spejjeż futuri għall-kura, mediċina u terapija għandhom jitqiesu taħt il-kap ta' damnum emergens, (u mhux tat-tip lucrum cessans kif donnhom jagħtu x'jifhmu l-atturi fis-sottimissjoniet tagħhom quddiem l-Ewwel Qorti) u għandhom jinkludu kura minħabba li l-persuna danneġġata tispiċċa dipendenti fuq ħaddieħor. Bħala eżempju, fis-sentenza* ***John Peter Stanton v. Schembri & Sons Ltd*** *deċiża fis-27 ta' Jannar, 2021, din il-Qorti llikwidat danni fl-ammont ta' €100,000 minħabba li l-attur kien ser ikollu bżonn iħaddem lil xi ħadd biex jieħu ħsiebu fil-bżonnijiet ta' kuljum.*

> *61. Inoltre, kif osservat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza* ***Alexander Caruana v. Daniel Bonniċi*** *deċiża fil-15 ta' Marzu, 2011, il-kalkolu tad-damnum emergens huwa diffiċli li jsir, meta min ikun bata l-ħsara jkun qiegħed jirċievi fil-preżent l-għajnuna ta' kuljum mingħand il-ġenituri tiegħu bla ħlas u 'l quddiem, meta l-ġenituri jikbru u jkollhom bżonn l-għajnuna huma, il-persuna danneġġata jkollha tħallas minn butha lil min jieħu ħsiebha. F'każijiet bħal dawn, huwa leġittimu li l-Qorti tillikwida arbitrio boni viri (ara s-sentenza* ***Grech v. Agius*** *hawn appena msemmija)»*

90. F'dan il-każ, għalkemm huwa minnu li ż-żewġ rapporti tal-esperti mediċi inkarigati mill-Ewwel Qorti jsemmu lista ta' mediċini li l-attur kien għadu jagħmel użu minnhom tliet snin wara l-inċident, mhuwiex ċar it-tul ta' żmien li l-attur għandu bżonn jibqa' jieħu dawn il-mediċini jew jekk l-attur hux ser ikollu jibqa' jagħmel użu minn dawn il-mediċini għal ħajtu kollha. Minbarra dan, kif ingħad qabel, din il-Qorti ma sabitx irċevuti fil-proċess li jagħtuha s-serħan tal-moħħ li dawn il-mediċini qegħdin jinxtraw u mhux jingħataw b'xejn mill-awtoritajiet tas-saħħa tal-pajjiż fejn jgħix l-attur.

91. Filwaqt li l-esperti fl-ortopedija u newroloġija kkonfermaw li l-attur ġarrab "*the brachial plexus lesion with complete loss of the right (dominant) upper limb function, is compunded by the disabling neuropathic pain.»* Kif rajna qabel, l-attur għandu aċċess għas-servizz ta' fiżjoterapija b'xejn.

92. Min-naħa l-oħra, din il-Qorti tinsab sodisfatta li mir-rapport ta' Dr Cassar jirriżulta li l-attur ser ikollu bżonn "*ongoing psychiatric and*

*psychological treatment*". Mill-atti tal-proċess jirriżultaw irċevuti li ħallas l-attur għal dan is-servizz li meta wieħed iqishom, flimkien mal-pretensjonijiet tal-attur f'dan il-qasam skont is-sottomissjonijiet imressqa minnu quddiem l-Ewwel Qorti fis-somma ta' €12,486.72, tqis din is-somma bħala waħda raġonevoli u għandha tingħadd għall-iskop ta' dan l-eżerċizzju.

93. Għalkemm l-attur fl-appell inċidentali tiegħu jsemmi spejjeż marbuta ma' servizzi ta' sezzjonijiet tal-akupuntura (tissemma l-figura ta' €151,200 fin-nota ta' sottomissjonijiet) u *mindfulness* (li ma tirriżultax mis-sottomissjonijiet quddiem l-Ewwel Qorti), peress li dawn il-pretensjonijiet mhumiex marbuta ma' rċevuti li din il-Qorti setgħet tidentifika fl-atti, ma tistax tieħu qies tagħhom.

94. Mill-provi fl-atti jirriżulta li, għalkemm l-attur reġa' mar lura jgħix mal-ġenituri sabiex ikollu l-għajnuna meħtieġa, reġa' kiseb ċertu indipendenza, hekk kif issa qiegħed isuq karozza "*automatic*". Madankollu, huwa jkollu bżonn l-assistenza biex ikun jista' jagħmel u jieħu ħsieb xi wħud mill-bżonnijiet tiegħu ta' kuljum. Jissemmew b'eżempju li l-attur ma jistax jagħmel użu minn sikkina fil-kċina jew jaqfel il-buttuni. Illum hemm il-ġenituri tal-attur jgħinuh, iżda kif hawn qabel imfisser, 'il quddiem probabbli jkollu bżonn iħallas sabiex ikollu l-għajnuna meħtieġa. Meqjusa dawn iċ-ċirkostanzi kollha, inkluż il-perċentwal ferm

għoli ta' diżabilità permanenti, din il-Qorti ser tillikwida favur l-attur *arbitrio boni viri* s-somma addizzjonali ta' €50,000 sabiex jiżdiedu taħt il-kap tad-danni emerġenti skont l-**Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili**.

95. Għalhekk din il-Qorti ser tilqa' wkoll f'parti dan l-aħħar aggravju tal-attur appellanti sabiex il-komputazzjoni tad-*damnum emergens* wara li jittieħed qies tal-konsiderazzjonijiet taħt dan l-aħħar aggravju tal-attur, għandha ssir kif ġej: €12,486.72 (għas-seduti li l-attur ser ikollu bżonn ikompli jsegwi ma' psikjatra) + €50,000 (għal spejjeż oħra li l-attur jista' jkollu bżonn jagħmel fil-futur), li flimkien mas-somma ta' €5,691.85 (*damnum emergens* akkordati mill-Ewwel Qorti) jagħmlu total ta' **€68,178.57**. Naturalment minn dan l-ammont irid jitnaqqas 15% minħabba l-ħtija kontibutorja ta' José Alberto Dura Sapina li nstabet aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda: (i) fl-ewwel lok, **<u>tilqa'</u>** f'parti minnu l-appell ewlieni ta' Maria Spiteri, b'dana li qiegħda tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti ma sabitx li l-attur José Alberto Dura Sapina kkontribwixxa għad-danni mġarrba minnu, u minflok tqis li huwa kkontribwixxa għad-danni mġarbba minnu f'perċentwal ta' 15%; mill-bqija tiċħad l-appell ewlieni tal-konvenuta Maria Spiteri; u (ii) fit-tieni lok, **<u>tilqa'</u>** f'parti minnu wkoll l-appell inċidentali

imressaq mill-attur *nomine* u għalhekk tvarja s-sentenza appellata fis-sens illi tillikwida d-danni kollha mġarrba mill-attur José Alberto Dura Sapina fis-somma ta' tliet mija u tmienja u tletin elf u disgħa u erbgħin ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€338,049.29)[21] minflok fis-somma ta' mitejn u sittin elf tmien mija u ħamsa u għoxrin ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€260,825.95) u tikkundanna lill-konvenuta appellata tħallas lill-attur José Alberto Dura Sapina dawn id-danni kif hekk likwidati. L-imgħax fuq din is-somma jitlaq mid-data tas-sentenza appellata sad-data tal-ħlas effettiv.

L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jitħallsu mill-konvenuta Maria Spiteri bħala l-parti telliefa fil-kawża. Min-naħa l-oħra l-ispejjeż tal-appell ewlieni għandhom jinġarru f'sehem ta' wieħed minn ħamsa (1/5) mill-attur *nomine* u f'sehem ta' erbgħa minn ħamsa (4/5) mill-konvenuta Maria Spiteri; filwaqt li l-ispejjeż tal-appell inċidentali għandhom jitħallsu fis-sehem ta' nofs mill-attur *nomine* u nofs mill-konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss

[21] €329,526.48.(*lucrum cessans*) + €68,178.57 *(damnum emergens)* - 15% (ħtija kontributorja tal-attur) = €338,049.29